

# Il-Ħtieġa tas-Santwarji Marjani

*Mons. Dun Mosè Debono*

Il-ħtieġa tas-Santwarji Marjani f'kull pajjiż kattoliku, jew għallinqas fejn hi tollerata l-Fidi kattolika f'pajjiżi ta' reliġjonijiet differenti minn dik kattolika, dejjem inħasset għax f'dawn is-Santwarji n-Nisrani jħoss ruħu tistrieħ meta jiltaqa' ma' Omm Ġesù u ma' Ommna Marija Santissima.

Dawn is-Santwarji Marjani, b'mod speċjali dawk fl-Ewropa, sa minn ħafna mijiet ta' snin ilu, dejjem servew bħala oażi ta' ilma fid-deżert, biex jagħtu ħajja qaddisa lill-pellegrini li jmorru jżuruhom, b'tant fidi f'Alla u tama kbira fl-interċessjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija li tressaqhom lejn Binha Ġesù, u taqlgħalhom dak kollu li jkunu qegħdin jitolbu ta' ġid, kemm għalihom infushom, kemm għall-familji tagħhom u kemm għal pajjiżhom.

F'dawn is-Santwarji Marjani, kull fejn jinsabu, fihom tara kwantità ta' tifkiriet u xbihat ta' wegħdi min-nies tal-post u pellegrini li jkunu żaruhom anke minn postijiet 'il bogħod. Xhieda ta' dak li qegħdin insemmu, fost il-ħafna Santwarji, għandna s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, fil-Mellieħa stess. L-istess issib fis-Santwarji l-oħra, f'Malta u f'Għawdex. Il-pellegrini u n-nies tal-post jirrapportaw li jħossuhom jistrieħu meta jiffrekwentaw dawn is-Santwarji Marjani, għax iħossuhom qegħdin f'dar Missierhom, Alla u Ommhom Marija.

Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa tara wegħdi li saru għal fejqan mill-mard, diżgrazzji, ħelsien minn gwerer, theddid tal-għedewwa, ħelsien mill-pesta, kolera, ħelsien ta' Isiera, salvazzjoni mill-għarqa f'maltempati kbar, ħelsien b'wiċ il-ġid fit-twelid tat-tarbija u ħafna okkażjonijiet oħra. Hemm, imbagħad, min jagħmel wegħdi ta' penitenza bħal mara bit-tarbija f'idejha, timxi għarkupptejha sa quddiem l-artal fejn hemm ix-Xbieha tal-Madonna, jew li jitilqu minn postijiet fil-bogħod, bil-mixi, waqt li jirreċitaw it-talba tar-Rużarju, sa ma jaslu fis-Santwarju li jkunu jridu jżuru.

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, sa minn mijiet ta' snin ilu, kien dejjem magħruf fost il-Maltin, u mhux biss, imma anke minn Renjanti, Gran Mastri, Kavallieri, Inkwiżituri. F'ċirkostanzi ta' theddid ta' gwerer, mard, tempesti, l-Isqfijiet ta' kull żmien, kull meta nqalgħu dawn il-bżonnijiet, dejjem kienu huma, personalment, li mexxew pellegrinaġġi nazzjonali lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa biex jitolbuha tgħinhom fil-bżonnijiet tagħhom.

Ix-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa bil-Bambin Ġesù fuq idha l-leminija, ġiet inkurunata fl-24 ta' Settembru 1899. Fl-aħħar Konċilju Ekumeniku Vatikan it-Tieni, 1963-1965, l-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, li ħa sehem fl-istess Konċilju, irregala ż-żewġ xemgħat mogħtijin mill-Papa Ġwanni XXIII u mill-Papa Pawlu VI lis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

bħala l-eqdem Santwarju Marjan fil-Gżejjer tagħna. Bħal dawn ix-xemgħat ingħataw ukoll lill-Arċisqfijiet li f'pajjiżhom kellhom Santwarji Marjani. Niftakru wkoll fil-miġja fostna l-Melleħin meta l-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni, illum Beatu, nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju 1990, ġie fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, talab quddiem ix-Xbieha tal-Madonna fis-Santwarju tagħha u ħallielna bħala tifkira Kuruna tar-Rużarju minsuġa f'katina tad-deheb biż-żibeġ tal-madriperla. Xegħel ukoll "luċerna", jew lampier li jinxtegħel biż-żejt, sabiex tibqa' tinxtegħel dejjem fuq l-Artal Maġġur tas-Santwarju bħala tifkira wkoll tal-miġja tiegħu fis-Santwarju. Anke l-Papa Benedittu XVI, meta ġie Malta bejn is-17 u t-18 ta' April 2010, irrikonoxxa l-importanza kbira tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa billi ddedika Talba lill-Madonna tal-Mellieħa biex tingħad minn kull min iżurha u anke biex tingħad fil-familji kollha.

Għalhekk, fuq dak kollu li għidna, u b'xhieda qawwija ta' tama u fiduċja fl-interċessjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija, u bil-popolarità u l-frekwenza ta' tant insara matul is-sekli u anke sal-lum stess, fuq din ix-xhieda kollha, is-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kien mistieden mill-"Għaqda Marjana Ewropea" biex ikun wieħed mill-20 Santwarji l-aktar popolari u ffrekwentati fl-Ewropa.

L-"Għaqda Marjana Ewropea" tas-Santwarji



twaqqfet ġewwa Lourdes fl-2003 u s-sena l-oħra s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa reġa' ġie mistieden biex jieħu sehem fil-konferenzi li saru f'Ġibiltà bejn it-13 u s-17 ta' Settembru 2010. Irrappreżentaw is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa Mons. Dun Mosè Debono, is-Sur Jimmy Muscat u s-Sur Sammy Borg. F'Settembru li ġej dawn il-konferenzi għad-delegati tas-Santwarji Marjani Ewropej se jsiru f'Walsingham, fl-Ingilterra.

Kull Santwarju għandu xi ħaġa speċjali u karatteristika tiegħu biss, għax il-pellegrini, hemmhekk, kapaċi jsibu xi ħaġa li tattirahom. U aħna, il-Melleħin tal-lum, għandna nħossuna obbligati li nxerrdu kemm nistgħu d-devozzjoni lejn il-Verġni Mqaddsa Marija, b'kull mezz. Imma l-ewwel ħaġa hija billi nerġgħu ndaħħlu r-Rużarju fil-familja, imbagħad billi mmorru ninvistawha ta' sikwit u nuruha l-fiduċja sħiħa tagħna fl-interċessjoni tagħha quddiem Binha Ġesù. Ħaġa oħra importantissima hija li ndarru t-tfal tagħna, sa minn ċkunithom, jitolbu lill-Madonna u juru mħabbithom lejha. Għandna ninqdew anke bil-mezzi l-aktar moderni tal-komunikazzjoni tax-xandir, tar-radju, televiżjoni, internet, kotba, rivisti, santi bit-Talba tal-Madonna, il-Kurunella u t-talba tal-Papa Benedittu XVI.

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa għandna nagħmluh ċentru ikbar ta' pellegrinaġġi ħalli nressqu aktar nies lejh biex fih isibu s-serħan ta' ruħhom u l-konsolazzjoni tagħhom fost ħafna nkwiet li għaddejja minnu d-dinja ta' żmienna: ġirja sfrenata ta' ħajja mgħaġġla, ideat żbaljati mill-istess Insara fuq ir-Reliġjon li huma jistqarru u li huma membri fiha, mill-attakki ta' xi Maltin kontra r-Reliġjon li fuqha għandhom ideat antiklerikali, jew li warrbuha għal kollox, mill-propaganda qarrieqa tal-għedewwa tal-Knisja, li ħsiebhom biss kif isikktu l-vuċi tal-Knisja ta' Kristu għax tippriedka l-ġustizzja, il-paċi, id-dritt għall-ħajja, kontra d-divorzju, l-abort, il-koabitazzjoni u fuq kollox li tippriedka li l-familja għandha tkun imwaqqfa fuq żwieġ bejn raġel wieħed u mara waħda.

Hemm bżonn ta' organizzazzjoni ta' kif jistgħu jsiru l-pellegrinaġġi. Nistgħu nerġgħu nagħmlu bħala post tat-tluq tal-pellegrinaġġi dak is-"Salib tal-Pellegrini" li hemm ħdejn il-Mitħna, fi Triq il-Kbira. Il-pellegrinaġġi jistgħu jgħaddu minn Triq Sant Anna għal Triq il-Parroċċa, għall-Pjazza tal-Parroċċa, li fiha jkunu jistgħu jsiru xi attivitajiet Reliġjużi, għal wara l-Knisja Parrokkjali u għall-Bitħa tas-Santwarju. Aħna l-Melleħin għandna nkunu l-ewwel nies fost il-Maltin li għandna nkunu Nsara konvinti fi twemminna u li nuru d-devozzjoni kbira tagħna lejn il-Verġni Mqaddsa Marija.

Minħabba l-fiduċja kbira u soda li l-Maltin kellhom fl-interċessjoni tal-Madonna tal-Mellieħa,

il-Maltin ta' qabilna ħallewlna bħala xhieda ta' twemminhom kliem is-Salm 21, miktubin bil-Latin u bil-Malti fl-1719 fuq l-Ark Trijonfali fid-daħla tal-Bitħa tas-Santwarju, u kitbu:

*"In Te Speraverunt Patres Nostri,*
*Speraverunt Et Liberasti Eos"*
*"Fik ittamaw Missirijietna,*
*Ittamaw U Inti Ħlisthom".*




U fil-lapida tal-irħam li hemm taħt il-lampier il-kbir fil-korsija tas-Santwarju, qrib l-Għar tal-Madonna, hemm Versi meħudin mill-Iskrittura, mill-Proverbji, Kap.8. 34-35:

*BEATUS HOMO QUI AUDIT ME*
*ET QUI VIGILAT AD FORES MEAS QUOTIDIE*
*ET OBSERVAT AD POSTES OSTII MEI;*
*QUI ME INVENERIT, INVENIET VITAM,*
*ET HAURIET SALUTEM A DOMINO*

Bil-Malti: Hieni l-bniedem li jismagħni, U jishar kuljum wara biebi, Li jgħasses kuljum mal-għatba ta' biebi; Għax min isib lili, isib il-ħajja, U jikseb l-imħabba tal-Mulej.